# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Huttaf

Numru 16
Settembru Ottubru 1996

Stampat fuq karta riċiklata

BirdLife MALTA


F'dil-ħarġa...

STIKER DINJA WAHDA 96 ... għalik!!



paġ 3



SAJJETTA ...bir-rix!

PINĠI **POSTER**

IKTEB **ESSAY**

IRBAĦ **VIDEO**



Paul Portelli/Cygnus Ltd

*Ċewċewwa*

# editorjal



Għeżież Huttaf



Dan l-aħħar kont qed nara l-aħbarijiet fuq it-televixin...

• Tifel ta' tnax-il sena kien qed jgħum fil-Baħar l-Aħmar, daru għalih il-klieb il-baħar, imma qabeż għalih denfil sevaġġ u salvah!

• Tifel ta' tliet snin waqa' fil-bitħa tal-gorilli ġo żoo fl-Istati Uniti. Mat-tisbita ntilef minn sensih, imma waħda mill-gorilli ġabritu, ħadet ħsiebu, anke ppruvat tqajmu...Meta ma rnexxilhiex, għaddietu lill-gwardjan taż-żoo! Aktar tard it-tifel irkupra.

Imbagħad smajt xi aħbarijiet oħrajn:

• Nies jisirqu u joqtlu lil xulxin, piki u tgħajjir, gwerer u ġlied, sparar u bombi.

U dak il-ħin ħsibt:

Kemm għandna wiċċna tost aħna l-bnedmin li ngħajru "Annimal!" lil xi ħadd goff... meta l-annimali stess spiss iġibu ruħhom ta' nies iktar minna!

Victor

Victor Falzon
Editur




## X'għandna did-darba?

| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet Lokali | paġ 3 |
| Mid-Dinja | paġ 4 |
| Kompetizzjoni 16 | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq...l-iMLIEVEZ | paġ 5 |
| Ittrttrittrittrittri | paġ 6 |
| Art Gallery | paġ 7 |
| POSTERS u ESSAYS | paġ 8 |
| Attività | paġ 8 |
| Għasafar fl-iskola | paġ 9 |
| Baħħara tal-Galàpagos | paġ 10 |
| Storjaritratti: Marru Underwater Safari | paġ 10 |
| Gruppi Lokali | paġ 11 |
| Avviżi | paġ 11 |
| Daħħal Membru | paġ 11 |
| X'rat il-Kamera | paġ 12 |
| Dinja Waħda 96 | paġ 12 |



**Working Group Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Isabella Borg, Robert Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (ko-ordinatur), Victor Falzon, Margaret Muscat.

Klabb Huttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt l-14-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, taħdidiet, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magażin "Il-Ħuttafa" kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll 4 Gruppi Lokali fil-pajjiż. Sħubija fi Klabb Huttaf hija Lm1.50 fis-sena.

## Faċċata ta' Quddiem

## Ċewċewwa

(*Tringa nebularia* - Greenshank)

Iċ-Ċewċewwa hija għasfur li jħobb l-ambjent ta' xatt il-baħar. Tiekol dud li jkun midfun fit-tajn, u għalhekk għandha munqar twil u rqiq. Fir-riserva ta' l-Għadira spiss jitfaċċaw Ċewċew u tajr ieħor tax-xtut. L-ambjent t'hemm huwa perfett għalihom.

**Pubblikazzjoni ta' BirdLife Malta**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**
Materjal mill-magażin Il-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' s-sors u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Huttaf fl-indirizz t'hawn fuq.
Stampat għand Poulton's Print Shop, Ottubru 1996

aħbarijiet

## Kmieni f'Settembru...

...niżlet **Gallina tal-Baħar** (Oystercatcher) tistrieħ fir-riserva ta' l-Għadira. Skond il-berdwoċer Ian Mifsud, ridt seba' għajnejn biex taraha! F'Malta hija skarsa ħafna din it-tajra.



## ...u tard f'Settembru

...niżel **Russett Abjad** (Great White Egret). Ċappas koċċ sigħat fir-riserva u kiel xebgħa ħut, u x'ħin fettillu sparixxa! Mank ħallas ta' l-ikla! F'Malta dan l-għasfur enormi huwa rari ħafna, ferm aktar mill-Gallina tal-Baħar.



## Tim ta' 1700

Is-**Sofor** (yellow wagtails) iħobbu jorqdu fil-qasab, u jħobbu jorqdu fi gruppi. Dan l-aħħar ruxxmata sofor użaw il-qasab ġewwa s-Simar bħala dormitorju. Imma s-sabiħa hija li filgħaxija qabel ma jidħlu jorqdu, ħaduha drawwa jinżlu ħelu ħelu quddiem il-ħajd tan-nofs, u joqogħdu hemmhekk nofs siegħa sħiħa jinflew u jitnaddfu. Immaġinaw xi spettaklu għal min ikun fil-ħajd dak il-ħin!

Kuljum bdew jinżlu l-mijiet. Jum minnhom seħibna l-berdwoċer Ray Galea għadd ma' l-1700 għasfur jimmutettja, ilkoll f'roqgħa tajn daqs piċċ tal-baskitbol... biss il-pleyers kienu kollha ta' tim wieħed, għax kollha bil-flokk isfar!



## Sajjetta bir-Rix!



**"Arpa (osprey) l-ġmiel tagħha tinżel bħal sajjetta bajda mill-ajru. Ċluff daqsxiex fl-ilma, taħtaf ħuta mdaqqsa mill-wiċċ, u titlaq biha tissara bejn difrejha."**

Xi biċċa dokumentajru dwar in-natura ta' Scotland? Le! Xejn ħlief rapport mill-20 ta' Settembru, mir-riserva ta' l-Għadira! Storja bħal din mhi xejn komuni f'Malta. L-aħħar li ġrat kien f'April ta' l-1994 (araw Il-Ħuttafa nru2), ukoll fl-Għadira. U terġa' dakinhar l-arpa ma kienet qabdet xejn!

Grazzi Charles Gauci (gwardjan ta' l-Għadira) tat-tagħrif



# Mid-dinja... Mewt Misterjuż fil-Marokk

Il-**Velleran tal-Marokk** (*Geronticus eremita* - Bald Ibis)huwa għasfur rari ħafna. Fid-dinja **baqa' biss 220** minnhom, u kollha jgħixu fil-punent tal-Marokk. F'Mejju li għadda 21 minnhom instabu mejtin u 17 oħra naqsu. F'temp ta' disat ijiem! L-esperti ma jistgħux jifhmu biex mietu. Jekk hi xi marda li ma jafux biha, ma trid xejn biex dan l-għasfur jisparixxi f'salt minn wiċċ id-dinja.






## Il-qagħda bħalissa!

● = Ħajjin
✖ = Mejtin
? = Neqsin



# KOMPETIZZJONI

**Imla t-tisliba bil-kliem fil-lista, ħu fotokopja u ibgħatha KOMPETIZZJONI IL-HUTTAFA 16, BIRDLIFE MALTA POBox498 VALLETTA CMR 01 qabel it-30 ta' Ottubru. U tista' tirbaħ ktieb dwar in-natura.**

**Norman Chetcuti**
(Puzzle Man)

AGRETT
AJKLA
ALBATRU
ARPA
ASTUN
AVULTUN
BIES
BORKA
ĊIEFA
ĊIKONJA
ĊINJU
FJAMMINGU
GARNIJA
KANĠU
KAPPUN
KUĊĊARDA
KULUVERT
KWAKKA
MARGUN
PALETTA
PALETTUNA
PELLIKAN
RUSSETT
SARSELLA
SEQER
SERRA
SILFJUN
SPANJULETT
SPARVIER
SULA
VELLERAN
WIŻŻA









TQASQASX IL-HUTTAFA

Sib paġna 11 għar-rebbieħa ta' Kompetizzjonijiet 14 u 15



# l-i MLIEVEZ



**Żmien il-ħarifa huwa fost l-aktar interessanti għall-berdwoċing. Minbarra l-passa ta' ħafna għasafar li jgħaddu minn fuqna fi triqthom lejn l-Afrika, jaslu wkoll dawk li jqattgħu x-xitwa magħna (bħall-pitirrossi). Hekk ukoll l-imlievez - għalkemm ħafna minnhom jibqgħu sejrin wara waqfa qasira f'pajjiżna, oħrajn jibqgħu Malta sa Marzu.**

Il-familja ta' l-imlievez fiha 64 speċi mxerrdin mad-dinja kollha. Ġeneralment huma għasafar imdaqqsin (daqs bejn Tal-Bejt u ħamiema) li jieklu insetti u dud. Iħobbu wkoll il-frott irqiq (*berries*) li jsibu jikber fis-selvaġġ. F'Malta naraw sitt speċi, li tnejn minnhom huma komuni.

Il-**Malvizz** jidher ipassi f'Ottubru u Novembru. Huwa komuni ħafna, kultant eluf kbar ipassu f'ġurnata waħda. F'dan iż-żmien jidher kullimkien, l-aktar max-xfarijiet u fil-widien. It-tisfira tiegħu "tsip" tingħaraf u spiss tinstema' qabel jisbaħ, anke bil-lejl, waqt li l-għasfur ikun qed ipassi fil-għoli. Kif tibda dieħla x-xitwa mbagħad, l-iMlievez li jkunu għażlu li jibqgħu hawn jinġabru fil-widien u nħawi oħrajn bis-siġar. F'Marzu jħalluna, u fi triqthom lejn l-Ewropa spiss jingħaqdu magħhom iMlievez oħrajn li jkunu għaddew ix-xitwa x'imkien ieħor.

Il-**Malvizz Iswed** ukoll jidher ta' spiss, imma ferm inqas komuni mill-Malvizz. Dan ukoll huwa għasfur tal-ħarifa u x-xitwa. Għasfur mistħi li jħobb iżomm f'xi wied folt fejn jistaħba u jittajjar fil-baxx. Imma tikxfu l-għajta tiegħu "Ċukk, ċukk!" li tinstema' mill-qalba ta' xi siġra. Jingħaraf faċilment għax iswed. Attenti li ma titfixkluhx mal-Merill, li fil-ħarifa u fix-xitwa jiskura u ma jkunx blu daqshekk sabiħ - il-Merill għandu wkoll titjira iktar immewġa.

Fix-xitwa jidher il-**Malvizz Aħmar,** li huwa ftit skars. Tagħrfu mill-għajta "tswiip" u qisu Malvizz, imma iżgħar.

Fix-xitwa wkoll jidhru l-**Malvizzun tal-Qtajja'** u l-**Malvizzun Prim** - skarsi ħafna imma jidhru kull sena. Jibqa' l-**Malvizz tas-Sidra Bajda,** li huwa rari. Xorta tajjeb li nqallbu ftit fil-gajd, għax qatt ma tista' tgħid!

**Biex nosservaw l-imlievez, l-aħjar li mmorru f'xi ġnien publiku kbir - bħal Sant'Anton per eżempju - u noqogħdu għassa għall-għajat li nisimgħu. Widien li jkun fihom arbuxxelli bil-frott żgħir huma tajbin ħafna wkoll. Is-siġra taż-Żinżel, fost oħrajn, hija kalamita għall-imlievez, speċjalment għall-Malvizz Iswed. U forsi l-aħjar post huwa l-Buskett, li peress li fih taħlita ta' ambjenti jiġbed lejh ħafna għasafar, u mhux l-inqas l-imlievez.**




**Mark Falzon**

| | |
|---|---|
| Malvizz - *Turdus philomelos*, Song Thrush | Malvizzun tal-Qtajja' - *Turdus pilaris*, Fieldfare |
| Mavizz Iswed - *Turdus merula*, Blackbird | Malvizzun Prim - *Turdus viscivorus*, Mistle Thrush |
| Malvizz Aħmar - *Turdus iliacus*, Redwing | Malvizz tas-Sidra Bajda - *Turdus torquatus*, Ring Ouzel |

# ittri

## Tnejn mejta...

Għażiż Editur,

Kont għaddejja minn taħt l-arkati tal-Għargħur mal-familja. Il-Ħadd li għadda kienet wisq ġurnata sabiħa, u malli kont għaddejja rajt żewġ Għasafar tal-Bejt. U kien fihom ħasra għax kienu mejtin. Li kieku lħaqthom naqra ħajjin kont insalvahom, imma kien ta' xejn - minn mejtin m'inix ser inġibhom ħajjin.

Xi tgħid Editur?

Dorothy Borg
Għargħur

Għażiża Dorothy,

Xi tridni ngħid! La mejtin, tard wisq biex tgħinhom.

Li *tista'* tagħmel huwa li tipprova tagħmel id-dinja aħjar għal dawk li baqa' ħajjin.

L-ewwelnett wiegħed lilek innifsek li tibqa' ambjentalista soda u attiva matul ħajtek kollha.

U sadattant, għal kull għasfur mejjet li tara, iddaħħal membru ġdid fil-BirdLife!! Ibda mill-familja tiegħek, u kompli bi sħabek tal-klassi...

B'hekk tpatti bil-ġid għall-ħsara li jagħmlu n-nies lill-għasafar u lin-natura. Ejja, ipprova!

U tinsix tgħidilna kif tkun sejra!

L-Editur




## ...u tnejn bil-bejta!



Sur Editur,

Kont bgħattli *factsheet* dwar kif nagħmel *bird table*. Issa din għamiltha u diġà bdew nizlin l-għasafar - s'issa diġà niżlu ftit Pitirrossi u ħafna Għasafar tal-Bejt.

Aħna għandna ventilatur u l-Għasafar tal-Bejt bejtu hemm. Għasfur żgħir li ma jafx itir waqa' fil-bitħa tagħna u bħalissa qiegħed hemm. Ommu u missieru qegħdin jinżlu jżoqquh l-iskalora li nagħtihom jiena. Jien u ħija Alexei mexxejna l-purtiera tal-bitħa u rnexxielna niġbdu ritratt lil missieru jżoqqu. Hawnhekk qed nibgħatlek ritratt minnhom biex forsi tippubblikawh fil-ġurnal tagħkom u tagħna t-tfal "Il-Ħuttafa".

Grazzi ħafna. Viva l-BirdLife!!

Thomas Pace (Y2224)
Marsaxlokk

Għażiż Thomas,

Prosit, prosit u prosit! X'ma nippubblikawhx dak ir-ritratt favoluż!

Thomas, ikolli ngħidlek li qed tkun verament membru perfett! Tagħmel il-bird tables, tieħu r-ritratti ta' l-għasafar, u naf ukoll li inti tpinġihom l-għasafar, għax ftit taż-żmien ilu bgħattli xi ħaġa għall-Art Gallery. Ibqa' sejjer hekk, xbin - BirdLife għandha bżonn ħafna ta' membri bħalek.

Taf x'jonqsok tagħmel? Ħajjar lil sħabek tal-klassi jidħlu membri huma wkoll fi Klabb Ħuttaf. Imqar wieħed!

Prosit mill-ġdid!

L-Editur

## IKTBU LIL

**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**Birdlife Malta**
**POBox 498**
**Valletta CMR 01**



## wildlink

Għal tagħrif dwar annimali jew pjanti Maltin, iktbu lil **Robert Borg - Wildlink • Klabb Ħuttaf • BirdLife Malta • POBox498 • Valletta CMR 01.**
Biex Robert iwieġibkom direttament, ma' l-ittra tagħkom inkludu envelope bl-indirizz tagħkom u bolla ta' 5ċ.

# ART GALLERY

**Uża karta bajda. Tużax kartonċin u tpinġix bil-kulur. Ibgħat ukoll ismek, l-età u isem l-annimal jew pjanta**

Mark Camilleri (?)



**Qerd in-Naħal**

Jonathan Sammut (8)



**Tajra Safra (mara)**

Simon Gauci (11)



**Ballottra**

Alexis Milne (10)



**Kokka**

Steven Scicluna (11)



**Merill**

# Minbarra l-kompetizzjoni tas-soltu, did-darba għandkom tnejn speċjali...

## KOMPETIZZJONI 1 POSTER



- Aqbdu kartoniċina mhux iżgħar minn xi 58x42ċm
- Pinġu xi ħaġa dwar it-tema **L-Ambjent Naturali Malti**
- Użaw kuluri li tridu: feltpens, crayons, lapsijiet, water colours eċċ
- Aħsbu f'messaġġ sabiħ u iktbuh (jew pittruh!) bħala titlu tal-poster
- Fuq wara tal-poster iktbu isimkom, l-indirizz u l-età (importanti l-età)
- Irrumblawh u agħmlulu qafla!
- Wassluh il-ħanut (mappa paġ.11) ta' BirdLife mhux wara t-2 ta' Novembru 1996

Il-posters kollha ntellgħuhom wirja (6-13 Novembru) fir-riserva ta' l-Għadira. Imbagħad intellgħu żewġ rebbieħa (wieħed mill-kategorija -10yrs u ieħor mill-kategorija 10+yrs - għalhekk importanti li ma tinsewx tiktbu l-età tagħkom). Ir-rebbieħa nħabbruhom fil-Ħuttafa Novembru/Diċembru u nippremjawhom waqt il-party tal-Milied - dettalji aktar tard. Il-premjijiet, bilħaqq, huma **videos** u **kotba** dwar in-natura! U ritratt tar-rebbieħa fil-Ħuttafa ta' Jannar/Frar 1997!

## KOMPETIZZJONI 2 ESSAY



- Aqbdu karta u bajro
- Aħsbu x'kontu tagħmlu **Li Kieku Kellkom f'Idejkom l-Ambjent Naturali ta' Malta!**
- Iktbu komponiment bl-idejat li jiġukom
- Niżżlu isimkom, indirizz u età
- Itfgħuha f'envelope u ibagħtuha lil Kompetizzjoni Essay Klabb Ħuttaf, BirdLife Malta, POBox498 Valletta CMR01, mhux wara t-2 ta' Novembru 1996. Tistgħu wkoll tħalluha l-ħanut (mappa paġ.11)

It-tul tal-komponiment irid ikun 100-150 kelma għal ta' taħt l-10snin, u 250-300 kelma jekk għalaqtu l-10 snin. Aħna ntellgħu żewġ rebbieħa, wieħed minn kull kategorija, u isimhom inħabbruh fil-Ħuttafa ta' Novembru/Diċembru, flimkien ma xi siltiet mill-kitbiet tagħhom. Imbagħad nippremjawhom (bħal tal-poster) waqt il-party tal-Milied. Il-premjijiet huma **videos** u **kotba** dwar in-natura. Xi ritratt fil-Ħuttafa ta' Jannar/Frar 1997 ma jonqosx lanqas!

## Attività

**Tafu r-riserva ta' l-Għadira kemm hija kalamita għall-għasafar. Imma biex tibqa' hekk, trid ħafna xogħol ta' l-idejn... il-gwardjan dejjem bla nifs! Mela xi tgħidu li kellna mmorru nagħtuh...**

## DAQQA T'ID L-GĦADIRA

Data: **Is-Sibt 9 ta' Novembru 1996**
Niltaqgħu: **Fid-daħla tar-riserva**
Ħin: **9am**
Għodda speċjali: **Boots ...u jdejn li jridu jaħdmu!**
Ġibu magħkom x'tieklu u x'tixorbu. L-attività tispiċċa għal xi nofsinhar.
**IMPORTANTI**: Jekk ħa tiġu, ċemplu waħda l-uffiċċju (230684/250229 - 9am-2pm)biex inkunu nafu kemm ġejjin. Ċemplu mhux aktar tard mis-7 ta' Novembru.





# Għasafar fl-iskola

***Qatt tajtu każ x'għasafar iżuru l-iskola tiegħek? Qatt ġietek il-kurżità ssir taf x'għasafar jaraw sħabek il-Huttaf fi skejjel oħrajn? Imsomma, aħna ta' Klabb Huttaf nixtiequ nkunu nafu!! U biex nibdew ħa naqbdu max-xbur xitwin.***

## X'għandek tagħmel? Faċli ħafna!

*1. Għal Novembru-Diċembru-Jannar ibda żomm rekord ta' l-għasafar li tara (jew tisma') fl-iskola. Tista' tuża l-ħin tal-brejk, jew kumbinazzjoni ħarist mit-tieqa u rajt għasfur għaddej u għaraftu (isma', toqgħodx tiskanta mit-tieqa waqt li l-lezzjoni għaddejja..!).*

*2. Importanti li żżomm rekord tad-data, x'għasfur kien u kemm rajt minnhom (ħawn isfel għandek eżempju). Tista' jekk trid iżżid dettalji ta' x'kien qed jagħmel l-għasfur, il-ħin, fejn kien eċċ.*

*3. Imbagħad stenna l-ħarġa tal-Huttafa ta' Jannar/Frar 1997, li fiha ssib formola apposta għal dan il-proġett, biex din tieħu kopja tagħha u tibgħathielna.*

***Robert Borg***






**Dawn huma 8 għasafar li hemm ċans sew li taraw l-iskola, speċjalment jekk għandkom xi ġardina fil-bitħa! U jekk għandkom *bird table* tant aħjar.**





# Baħħara tal-Galàpagos 3

**Tajr tal-baħar tal-Gżejjer Galàpagos. F'din il-ħarġa...**

## Il-Pellikan Kannella

Il-Pellikan huwa komuni fil-portijiet u max-xtut tal-Gżejjer Galàpagos. Dan l-għasfur ma jibżax mill-bniedem, u spiss jibni l-bejta goffa tiegħu maġenb xi bini, li fiha jbid 2-3 bajdiet.

Il-medda tal-ġwienaħ taqbeż iż-2 metri, u fil-fatt dan huwa l-ikbar fost l-għasafar tal-Galàpagos. Il-mod stramb kif jimxi, jogħdos u jgħum kważi jġiegħlek tidħaq. Imma jpatti għal dan bil-mod grazzjuż u ritmiku li bih itir. Fit-titjir, il-pellikan iżomm għonqu 'l ġewwa, u bi tliet qadfiet tal-ġwienaħ jigglajdja għal distanza twila. Il-pellikani jtiru ftit 'il fuq minn wiċċ l-ilma, u meta jkunu flimkien jaqdfu u jigglajdjaw bi preċiżżjoni kbira.

Il-borża li għandu taħt geddumu, li hija tipika tal-pellikani, tesa' xi 10 litri ilma, u spiss timtela' x'ħin l-għasfur ikun qed jogħdos għall-ħut. Wara jbattal dan l-ilma, u jżomm biss il-qabda!

**David Aloisio**



**Pellikan Kannella**
*Pelicanus occidentalis*, Brown Pelican

Tpinġija: David Aloisio

## S T O R J A R I T R A T T I

**Marru underwater SAFARI**

**F'Awwissu l-Gruppi Lokali Naxxar u Rabat marru Underwater Safari. Kienu salt nies mhux ħażin, u ħadu gost!**



Ritratti: Jason Aloisio



Leaders Jason, Norman u Audrey jikkonsultaw il-lista, u Leader Chris jgħodd il-passiġġieri. Kulħadd abbord?!

**Klabb Ħuttaf jixtieq jirringrazzja lill-kaptan Louis Henwood għall-għajnuna tiegħu u għall-interess kbir li wera.**

"U hekk hu din in-naħa qegħdin naraw bugħaddas qed jittiekel minn Great White Shark. Tiffullawx please."

# GRUPPI LOKALI

(K=Ko-ordinatur)

Ħ'ATTARD
Leaders: Isabella Borg, Grace Camilleri, Thelma Saliba, Agnes Scicluna (K), Silvio Scicluna (K).
MSIDA/TA' XBIEX
Leaders: Michelle Borg (K), Robert Borg (K), Fleur Casha, Etienne Grech, Marisa Grech.
NAXXAR
Leaders: Jason Aloisio (K), Anita Bezzina, Mark Falzon (K), Justin Vassallo.
RABAT/DINGLI
Leaders: Audrey Chetcuti (K), Norman Chetcuti (K), Angéle Pulis, Chris Pulis.

# APPELL

**Għandna bżonn ġenituri biex jgħinuna nwaqqfu Gruppi Lokali f'aktar inħawi ta' Malta u Għawdex! Min iħoss li jista' jgħin iċempel lil Desirée (436335) jew lil Audrey (454548).**

## REBBIEĦA u REBBIEĦA

Ir-rebbieħa ta' **Kompetizzjoni 14** kienet il-Ħuttafa **Anita Muscat** miż-Żejtun.
Ir-rebbieħa ta' **Kompetizzjoni 15** kienet il-Ħuttafa **Claire Gatt** min-Naxxar.
**Dawn il-membri rebħu ktieb dwar in-natura**




O = BirdLife Nature Shop
Mit-Tnejn sal Ġimgħa: 9am-12noon
Nhar is-Sibt 2 Nov biss: 9am-12noon
BirdLife MALTA



# Daħħal membru fi Klabb Ħuttaf



## ... u għalik BEĠĠ SPEĊJALI!

- Speċjali għax dwar in-natura
- Speċjali għax tal-metall
- Speċjali għax unika, jiġifieri ma jkunx hemm oħra bħalha

Sib ħabib jew ħabiba, ħajjarhom jidħlu fi Klabb Ħuttaf, imla d-dettalji tagħhom hawn taħt, imla tiegħek ukoll, u ibagħtilna l-formola flimkien mal-**Lm1.50** miżata. Kif jaslilna kollox nibagħtulek il-beġġ!

**Dettalji tal-MEMBRU GDID**

Isem u Kunjom ____________________

Indirizz ____________________

PostCode ____________________

Tel ____________ Data tat-Twelid ____________

**Dettalji TIEGĦEK STESS**

Ismek ____________________

Indirizz ____________________

Telefon ____________

Ibgħat kollox lil **Klabb Ħuttaf BirdLife Malta POBox498 Valletta CMR01**. Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk, Postal Order jew 30 bolla tal-5ċ.

## x'rat il-kamera





Max Farrugia

**Ballottra żgħira! Ftit ilu kienet komda fil-bejta ma' ommha u ħutha. Imma xi ħadd bla qalb ħarbat il-bejta, u din il-povra tarbija spiċċat bla omm, bla ħutha, bla bejta, bla ikel u bla kenn. B'xorti tajba qalbħanina sabet din l-orfni u għaddietha lill-International Animal Rescue (Malta). Aħna ta' Klabb Ħuttaf nawguraw li xi darba din il-ballottra terġa' ssib postha fin-natura Maltija!**

**Aqla' l-istiker minn hawn, waħħlu fejn jarawh sħabek u... ħudu sehem flimkien!**

## X'inhi Dinja Waħda?

Dinja Waħda hija
- l-aqwa, l-ikbar u l-itwal kompetizzjoni li ssir fl-iskejjel ta' Malta u Għawdex
- kompetizzjoni b'ħafna attivitajiet li għandhom x'jaqsmu man-natura
- kompetizzjoni li jekk tieħdu sehem fiha tkunu verament qegħdin tgħinu lill-ambjent
- divertiment għall-istudenti ta' l-iskejjel Primarji u Sekondarji kollha
- ċans biex tirbaħ inti u trebbaħ lill-iskola tiegħek l-unur li tkun **l-iskola ambjentalista tas-sena**
- ċans li inti stess tintgħażel bħala **l-ambjentalist żgħir tas-sena**
- ċans biex **Klabb Ħuttaf** ikompli jikber!

**← Dan huwa l-istiker il-ġdid ta' Dinja Waħda 96**